**19 ta' Frar, 1988**

**Imħallfin: –**

**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D. – President**
**Onor. Wallace Ph. Gulia LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A.(Admin)(Manch.) D.P.A.(Lond.)**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Ursolina Aquilina

*versus*

Kummissarju tat-Taxxi Interni

## Diskrezzjoni Eżerċitata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bl-Att XLVII ta' l-1973 – Għemil Sindakabbli mill-Qorti jew Le?

*L-art. 41(2) ta' l-Att XLVII ta' l-1973 jagħti s-setgħa speċjali lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li jawtorizza lin-Nutar biex jagħmel att relattiv għal fond li ġej bi trasferiment taxxabbli u li jimponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu xierqa u dana f'dawk il-każijiet fejn it-taxxa ma tkunx tħallset.*

*Il-liġi ma tagħti l-ebda setgħa, la speċjali u lanqas ġenerali, lill-istess Kummissarju li jimponi kondizzjonijiet meta t-taxxa relattiva għall-proprjetà ġejja bi trasferiment taxxabbli tkun ġiet imħallsa.*

*Għal dak li jirrigwarda l-ġurisdizzjoni tal-Qorti l-kliem tal-Proviso ta' l-art 742(2) tal-Kap. 12 ifisser li jekk l-għemil jew ħaġa ma tkunx fil-limiti tas-setgħat ġenerali jew speċjali ta' persuna jew awtorità għandha titqies li hi "ultra vires". Kwante volte l-istess għemil jew ħaġa li tkun fil-limiti tas-setgħat ġenerali jew speċjali tkun*

*b'mod espliċitu projbita jew eskluża b'liġi miktuba, dan għandu jitqies ukoll "ultra vires".*

*Fil-każ preżenti billi t-taxxa relattiva kienet ġà mħallsa meta l-konvenut impona l-kondizzjoni li huwa għamel, huwa kien qiegħed jaġixxi "ultra vires" is-setgħat tiegħu.*

Il-Qorti: –

Rat l-atti taċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-attriċi, wara li ppremettiet li talbet lill-konvenut il-permess li tbiegħ il-fond 14/15, Rosary Alley, Għargħur, provenjenti mill-eredità ta' Giuseppa Fenech li mietet fit-22 ta' Lulju, 1970, li l-konvenut, inġustament u arbitrarjament ma tax il-permess mitlub ħlif bil-ħlas ta' sitt mija u tletin lira (Lm630) bħala "taxxa addizzjonali" minnu pretiża fuq l-imsemmija suċċessjoni, li l-attriċi ħallset dina s-somma taħt protesta fil-25 ta' Frar, 1977, li l-attriċi, fl-istess ġurnata permezz ta' ittra uffiċjali interpellat lill-konvenut jirrifondi l-imsemmija somma ta' Lm630 minnu indebitament ritenuta, flimkien ma' l-imgħaxijiet legali, li b'deċiżjoni mogħtija mill-*Board of Special Commissioners* fit-30 ta' Mejju, 1979, ġie ddikjarat u deċiż li l-konvenut ma kellu ebda dritt għall-pagament tas-somma ta' Lm630 li kien esiġa mingħand l-attriċi, li fit-3 ta' Awissu, 1979 il-konvenut irrifonda l-imsemmija somma ta' Lm630 minnu meħuda llegalment u arbitrarjament u li l-konvenut, għalkemm interpellat għall-ħlas ta' l-imgħaxijiet fuq is-somma ta' Lm630, mill-25 ta' Frar, 1977, sat-3 ta' Awissu, 1979, ammontanti għal Lm76.50, naqas li jagħmel dan, talbet li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm76.50, imgħax fuq is-somma ta' Lm630 li żamm mingħajr ebda dritt kif fuq ingħad, bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-25 ta' Frar, 1977, u tal-protest legali ta' l-1 ta' Frar, 1977, u ta' l-ittra uffiċjali tat-12

ta' Settembru, 1979;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa li t-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-somma ta' sitt mija u tletin lira (Lm630) li fuqha l-attriċi qed tippretendi l-ħlas ta' sitta u erbgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm76.50) f'imgħax ġiet mitluba u miżmuma minnu fl-eżerċizzju sew tad-drittijiet diskrezzjonali u insindakabbli tiegħu bħala l-awtorità responsabbli għall-ġbir tat-taxxa taħt l-artikolu 41(2) ta' l-Att XLVII 1973 dwar it-Taxxa tal-Mewt u Donazzjoni;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla ta' l-1 ta' Novembru, 1984, li biha kienet iddeċidiet il-kawża billi ddikjarat li għandha ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni ta' u tiddeċidi l-kawża preżenti u għalhekk ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenut in kwantu tgħid li l-imsemmija somma ta' Lm630 ġiet miltuba u miżmuma minnu fl-eżerċizzju tad-drittijiet insindakabbli u diskrezzjonali tiegħu, u dana, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut u billi fil-mertu tilqa' t-talba ta' l-attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi l-imsemmija somma ta' Lm76.50, imgħax mitlub fiċ-Ċitazzjoni għar-raġunijiet imsemmija u dana wkoll bl-ispejjeż kontra l-konvenut u dan wara li rat u kkunsidrat dan il ġej u ċjoè:

Il-fatti li taw lok għal din il-kawża jistgħu jiġu kompendjati b'dan il-mod: Ċerta Giuseppa Fenech kienet mietet fit-22 ta' Lulju, 1970, u fost l-eredi tagħha kien hemm l-attriċi. Id-denunzja tas-suċċessjoni tagħha ġiet ippreżentata fil-5 ta' Novembru, 1970, permezz ta' Avviż Numru 3146 u t-taxxa tal-mewt fuq dan il-wirt ġiet maħruġa fis-16 ta' April, 1971 u mħallsa fis-16 ta' Ġunju, 1971. Il-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni, ċjoè 14/15 Rosary Alley, Għargħur, formanti parti mill-imsemmi wirt, kien

ġie debitament denunzjat bil-valur ta' ħames mitt lira maltija (Lm500) u dan il-valur ma ġiex mibdul mill-konvenut li bidel xi valuri ta' partiti oħra. Fis-sena 1977, instab bejgħ tal-fond bil-prezz ta' erbat elef lira maltija (Lm4000) u n-Nutar inkarigat kien għamel id-debita applikazzjoni għall-finijiet ta' l-artikolu 41 ta' l-Att XLVII ta' l-1973 u l-konvenut kien ta l-permess tiegħu *(Permit* Nru. 45/77) bil-kondizzjoni (fost oħrajn) *"that Lm630 are paid into the Office within three days from the publication of the deed"* u dana billi, kif jingħad fl-istess permess *"as the relative duty has not yet been settled"*. Din is-somma tħallset mill-atturi fil-25 ta' Frar, 1977, taħt protesta (ara protest legali u ittra uffiċjali msemmija fil-proċess). In segwitu b'deċiżjoni mogħtija fit-30 ta' Mejju, 1979, il-Bord tal-Kummissarji Speċjali għat-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni annulla l-likwidazzjoni tat-taxxa addizzjonali magħmula fuq l-attriċi fis-7 ta' Frar, 1977 u wara din id-deċiżjoni, skond ma jingħad fiċ-ċitazzjoni fit-3 ta' Awissu, 1979 (data mhux ikkontestata mill-konvenut) il-konvenut irrifonda lill-attriċi l-imsemmija somma ta' Lm630;

Biċ-ċitazzjoni odjerna l-attriċi qiegħda ssostni li hija intitolata għall-ħlas tas-somma ta' sitta u sebgħin lira maltija ħamsin ċenteżmi (Lm76.50) imgħax fuq l-istess somma ta' Lm630 għall-perijodu mill-25 ta' Frar, 1977 sat-3 ta' Awissu, 1979, u dana a bażi ta' l-artikolu 1090(1) tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu llum (kif emendat bl-Att VI ta' l-1983, artikolu 3) jiddisponi illi l-ħsara li tikkonsisti filli ttellef lill-persuna l-użu ta' flus tagħha tissewwa bil-ħlas ta' l-imgħaxijiet li jitqiesu bit-tmienja fil-mija fis-sena. Qabel l-imsemmija emenda l-istess artikolu kien jgħid li l-imgħaxijiet kellhom jitqiesu bil-ħamsa fil-mija;

Min-naħa tiegħu l-konvenut qed jippretendi li meta kien

impona l-imsemmija kondizzjoni tal-ħlas ta' Lm630 huwa kien qed jeżerċita d-diskrezzjoni mogħtija lilu bil-*proviso* ta' l-artikolu 41(2) ta' l-Att XLVII ta' l-1973 li jgħid li l-Kummissarju jista' taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu xierqa li jimponi, jawtorizza lin-nutar biex jagħmel il-kuntratt minkejja li t-taxxa ma tkunx tħallset. Il-konvenut qiegħed ukoll jippretendi li dak li għamel mhux sindakabbli mill-Qorti;

L-artikolu 743 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kif emendat bl-Att VIII ta' l-1981, jgħid fis-subartikolu (2) *inter alia* li ebda Qorti f'Malta ma għandha ġurisdizzjoni li tistħarreġ il-validità ta' xi għemil jew ħaġa oħra li tkun saret minn xi persuna li jkollha kariga pubblika (bħal ma għandu l-konvenut) fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet pubbliċi tiegħu jew li tiddikjara dak l-għemil jew dik il-ħaġa nulla jew invalida jew mingħajr effett ħlief u sakemm (a) dak l-għemil jew ħaġa ma tkunx "*ultra vires*" jew (b) dak l-għemil jew ħaġa ma tkunx b'mod ċar bi ksur ta' disposizzjoni espliċita ta' liġi miktuba....." L-istess subartikolu (2) jkompli jgħid fil-*proviso* "iżda għemil jew ħaġa li tkun fil-limiti tas-setgħat ġenerali jew speċjali ta' persuna jew awtorità m'għandhiex titqies li hi "*ultra vires*" kemm-il darba l-għemil jew il-ħaġa ma tkunx b'mod ċar u espliċitu pprojbita jew eskluża b'liġi miktuba";

Il-Qorti hi tal-fehma li l-kliem ta' l-imsemmi *proviso* ta' l-artikolu 743(2) fuq ċitat ifissru li jekk għemil jew ħaġa ma tkunx fil-limiti tas-setgħat ġenerali jew speċjali ta' persuna jew awtorità allura għandha titqies li hi *ultra vires*. Jekk imbagħad għemil jew ħaġa tkun fil-limiti tas-setgħat ġenerali jew speċjali ta' persuna, l-istess għandha titqies *ultra vires* jekk l-għemil jew il-ħaġa tkun b'mod espliċitu pprojbita jew eskluża b'liġi miktuba;

L-artikolu 41(2) ta' l-Att XLVII ta' l-1973 fuq ċitat qiegħed jagħti s-setgħa speċjali lill-konvenut li jawtorizza lin-nutar biex jagħmel att relattiv għal fond li ġej bi trasferiment taxxabbli u li jimponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu xierqa u dana f'dawk il-każijiet fejn it-taxxa ma tkunx tħallset. L-artikolu 41(2) mela qiegħed jikkontempla l-każ ta' att relattiv għal proprjetà ġejja bi trasferiment taxxabbli meta t-taxxa relattiva ma tkunx tħallset. F'din l-ipotesi, ċjoè meta t-taxxa ma tkunx tħallset, il-konvenut għandu s-setgħa speċjali li jawtorizza lin-nutar li jippubblika l-att u li jimponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu xierqa;

Il-liġi ma tagħti l-ebda setgħa, la speċjali u lanqas ġenerali, lill-konvenut li jimponi kondizzjonijiet meta t-taxxa relattiva għall-proprjetà ġejja bi trasferiment taxxabbli tkun ġiet imħallsa;

Fil-każ preżenti kif jidher mill-imsemmija deċiżjoni tal-Bord tal-Kummissarji Speċjali għat-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni, it-taxxa relattiva għall-proprjetà in kwistjoni kienet ġiet imħallsa tant li l-Bord kien annulla l-likwidazzjoni tat-taxxa addizzjonali magħmula mill-konvenut fis-7 ta' Frar, 1977 u kwindi meta l-konvenut impona l-imsemmija kondizzjoni li titħallas is-somma ta' Lm630, huwa kien qed jaġixxi *ultra vires* billi, stante li t-taxxa kienet ġà mħallsa, huwa ma kellux is-setgħa li jimponi ebda kondizzjoni. Isegwi għalhekk li skond it-termini ta' l-artikolu 743(2)(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fuq ċitat, din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni fil-kawża preżenti;

Il-Qorti tirritjeni wkoll – u dana qiegħed jingħad *ex abundantia* li hija għandha ġurisdizzjoni wkoll taħt l-artikolu 743(2)(b) fuq ċitat billi, kif jidher minn eżami tad-deċiżjoni fuq imsemmija tal-Bord, it-taxxa kienet ġiet likwidata u mħallsa fis-16 ta' Ġunju, 1971 wara xi aġġustament fil-valuri magħmula mill-

konvenut u aċċettati mill-eredi kkonċernati, b'dan li saret reviżjoni tagħha minħabba *"quick succession"* fl-1972 u kwindi l-pretensjoni tal-konvenut li t-taxxa ma kinitx imħallsa kienet preskritta bil-perijodu ta' sentejn ikkontemplati fl-artikolu 46(1)(a) ta' l-Ordinanza ta' l-1918. Isegwi li meta l-konvenut ippretenda li t-taxxa ma kinitx imħallsa u għalhekk impona l-imsemmija kondizzjoni tal-ħlas tas-somma ta' Lm630, l-għemil tiegħu kien b'mod ċar bi ksur ta' disposizzjoni espliċita ta' liġi miktuba, ċjoè ta' l-artikolu 46(1)(a) ta' l-Ordinanza ta' l-1918 li kien jgħid li t-talba tal-Kummissarju għall-ħlas ta' żieda tat-taxxa minħabba żbalji fil-likwidazzjoni tagħha jew minħabba stima nieqsa tal-valur tal-beni miġjubin fid-denunzja hija preskritta bl-għeluq ta' sentejn minn dak in-nhar tad-denunzja kif ukoll ta' l-imsemmi *proviso* ta' l-artikolu 41(2) ta' l-Att XLVII ta' l-1973 li kien jintitola lill-konvenut li jimponi kondizzjonijiet **biss** f'każ li t-taxxa ma tkunx ġiet imħallsa;

Kif ġà ngħad l-attriċi qiegħda tibbaża l-pretensjoni tagħha fuq l-artikolu 1090(1) tal-Kodiċi Ċivili fuq ċitat. Dan l-artikolu jikkontempla **ħsara** f'każ ta' telf ta' użu ta' flus, u, skond l-artikolu 1074, Kodiċi Ċivili, persuna għandha twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha u, jitqies fi ħtija kull min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Fil-każ preżenti jirriżulta minn dak li ngħad fuq u aktar ampjament mid-deċiżjoni fuq imsemmija tal-Bord li kien hemm ħtija da parti tal-konvenut billi meta d-dritt tiegħu għall-ħlas ta' taxxa addizzjonali kien preskritt u għalhekk ma setax jippretendi li t-taxxa ma kinitx imħallsa u kwindi ma setax juża d-diskrezzjoni tiegħu msemmija fl-artikolu 41(2) fuq ċitat u jimponi l-kondizzjoni tal-ħlas tas-somma ta' Lm630, l-attriċi fil-fatt minħabba l-kondizzjoni imposta minnu, kellha tħallas fl-uffiċċju tiegħu l-istess somma. Din is-somma ma kellhiex tiġi

mħallsa, tant li in segwitu l-konvenut irrifondiha lill-attriċi wara d-deċiżjoni fuq imsemmija tal-Bord. Kwindi l-konvenut huwa responsabbli għall-ħsara li sofriet l-attriċi bħala konsegwenza ta' l-imsemmi pagament, liema ħsara, trattandosi ta' telf ta' użu ta' flus, għandha tiġi likwidata skond ma jgħid l-artikolu 1090(1), Kodiċi Ċivili, fuq ċitati;

L-attriċi qiegħda tippretendi li l-imgħax dovut lilha bħala ħsara skond it-termini ta' l-imsemmi artikolu 1090(1), Kodiċi Ċivili, jammonta għall-sitta u sebgħin lira maltija ħamsin ċenteżmu (Lm76.50). L-attriċi sofriet telf ta' l-użu ta' l-imsemmija somma ta' Lm630 għall-perijodu mill-25 ta' Frar, 1977 (data ta' ħlas ta' l-istess somma lill-konvenut) sat-3 ta' Awissu, 1979 (data tar-rifużjoni tagħha mill-konvenut). L-imgħax ikkalkolat bil-ħamsa fil-mija (5%) fis-sena jeċċedi bi ftit ċenteżmi l-imsemmija somma ta' Lm76.50, u għalhekk din is-somma, li hija s-somma mitluba fiċ-ċitazzjoni, hija dovuta lill-attriċi;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, Kummissarju tat-Taxxi Interni ppreżentata fid-9 ta' Novembru, 1984;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ppreżentata fis-27 ta' Novembru, 1984, li biha talab bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-1 ta' Novembru, 1984 fil-kawża fl-ismijiet premessi billi prevja l-akkoljiment ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-appellant tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kollha taż-żewġt istanzi kontra l-attriċi appellata;

Rat l-atti kollha relattivi u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi bis-sentenza tagħha ta' l-1 ta' Novembru, 1984, l-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla kienet iddeċidiet il-kawża billi ddikjarat li għandha ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni ta' u tiddeċidi l-kawża preżenti u għalhekk ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenut in kwantu tgħid li l-imsemmija somma ta' Lm630 ġiet mitluba u miżmuma minnu fl-eżerċizzju tad-drittijiet insindakbbli u diskrezzjonali tiegħu u dana bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut u billi fil-mertu laqgħet it-talba ta' l-attriċi u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi l-imsemmija somma ta' sitta u sebgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm76.50) imgħax mitlub fiċ-Ċitazzjoni għar-raġunijiet imsemmija u dana wkoll bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Illi l-konvenut appella minn din is-sentenza u ressaq bħala aggravji s-segwenti. L-appellant issottometta li l-ewwel Qorti ma fehmitx il-portata ta' l-eċċezzjoni tiegħu fis-sens li huwa ma kienx eċċepixxa n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti "tieħu konjizzjoni ta' u tiddeċidi l-kawża preżenti". L-eċċezzjoni tiegħu hija fis-sens li meta l-konvenut kien talab u żamm is-somma ta' Lm630 dak il-ħin huwa kien qiegħed jeżerċita dritt diskrezzjonali u insindakabbli lilu konċess mil-liġi bħala awtorità responsabbli għall-ġbir tat-taxxa. L-appellant issottometta li l-eċċezzjoni tiegħu kienet tirrigwarda biss nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti li tissindika l-validità ta' l-għemil ta' l-appellant. Skond l-istess appellant dik il-parti tal-*proviso* taħt l-artikolu 41(2) ta' l-Att XLVII/73 fejn jgħid "minkejja li t-taxxa ma tkunx tħallset" għandha tinftiehem "ukoll fejn it-taxxa ma tkunx tħallset". Jekk jingħata lill-kelma "minkejja" s-sinifikat ta' "wkoll" is-sens tal-

*"proviso"* jiġi jfisser li l-Kummissarju jkollu l-poter diskrezzjonali fil-każijiet fejn it-taxxa tkun ġà ġiet imħallsa. Fil-fehma ta' l-appellant dan hu s-sinfikat korrett li għandu jingħata lill-imsemmi *"proviso"*. Bħala konsegwenza ta' hekk jiġi li hu jkun aġixxa fit-termini tas-setgħa mogħtija lilu fl-imsemmi *"proviso"*;

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti din is-sottomissjoni ta' l-appellant mhix korretta. In fatti skond is-subartikolu 2 ta' l-artikolu 41 insibu li *"no deed referred to in subsection (1) of this section shall be executed where the property has come to the partitioner, sellers, grantors, assignors or other transferors under any chargeable transmission referred to in paragraph (a) of sub-section (1) of this section unless the relative return has been filed and before the duty chargeable thereon, if any, has been paid"*. Minn eżami ta' l-istess wieħed għandu jifhem li din hija r-regola u l-*proviso* tikkostitwixxi eċċezzjoni għall-istess. Infatti waqt li s-subartikolu jibda bil-kliem *"No deed – omissis – shall be executed – omissis – before the duty chargeable thereon if any has been paid"*. Minn dan joħroġ ċar li d-*"discretionary power"* tal-Kummissarju, imsemmija fil-*"proviso"* teżisti u tista' tintuża fil-każijiet biss meta t-taxxa ma tkunx għadha ġiet imħallsa. Interpretazzjoni oħra differenti minn din ta' din il-*"proviso"* ma tagħmilx sens. In fatti fil-fehma tal-Qorti tniżżel dan il-*"proviso"* biex f'ċerti każi u taħt ċerti kondizzjonijiet li jiġu mposti fid-diskrezzjoni tal-Kummissarju, jkunu jistgħu jiġu ppubblikati ċerti kuntratti allavolja t-taxxa ma tkunx ġiet għadha mħallsa;

Illi kien il-konvenut appellat stess fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu li ssolleva l-kwistjoni tal-mankanza tal-ġurisdizzjoni quddiem l-ewwel Qorti. Fil-fatt huwa għamel riferenza għall-Att VIII ta' l-1981 li emenda l-artikolu 743 (illum

artikolu 742(2) ). Skond dan l-artikolu "Ebda Qorti f'Malta ma għandha ġurisdizzjoni li tistħarreġ il-validità ta' xi għemil jew ħaġa oħra li tkun saret mill-Gvern jew minn xi Awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew minn xi persuna li jkollha kariga pubblika fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet li tistħarreġ il-validità ta' xi għemil jew ħaġa bħal dawk nulli jew invalidi jew mingħajr effett ħlief u sakemm a) dak l-għamil jew ħaġa ma jkunux *"ultra vires"* jew b) dak l-għemil jew ħaġa ma jkunux b'mod ċar bi ksur ta' disposizzjoni espliċita tal-liġi miktuba jew ċ) il-piena jew il-proċedura xierqa ma tkunx ġiet segwita f'ħaġa importanti u dana n-nuqqas ikun wassal għall-preġudizzju sostanzjali. "L-appellat issottometta li r-rekwiżiti fil-paragrafu (b) u (ċ) ma jirrikorrux rigward ir-rekwiżit taħt (a) l-artikolu 742(2) li jipprovdi ulterjorment li "Iżda l-għemil jew ħaġa li tkun fil-limiti tas-setgħat ġenerali jew speċjali ta' persuna jew awtorità ma għandhiex titqies li hi *"ultra vires"* kemm-il darba l-għemil jew il-ħaġa ma tkunx b'mod ċar u espliċitu pprojbita jew eskluża b'liġi miktuba". In vista ta' dan il-provvediment l-appellat issottometta li lanqas ir-rekwiżit (a) ma jirrikorri bil-konsegwenza li l-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni tistħarreġ l-għemil tal-konvenut appellat taħt l-artikolu 41(2);

Illi l-ewwel Qorti wara li eżaminat bir-reqqa l-kliem tal-*proviso* ta' l-artikolu 742(2) qalet li l-kliem ta' l-istess ifisser li jekk l-għemil jew ħaġa ma tkunx fil-limiti tas-setgħat ġenerali jew speċjali ta' persuna jew awtorità allura għandha titqies li hi *"ultra vires"*. Barra minn hekk qalet ukoll li joħroġ li kwante volte l-istess għemil jew ħaġa li tkun fil-limiti tas-setgħat ġenerali jew speċjali tkun b'mod espliċitu pprojbita jew eskluża b'liġi miktuba, dan għandu jitqies ukoll *"ultra vires"*. Issa kif ġà ntqal aktar 'il fuq l-artikolu 41(2) ta' l-Att XLVII/73 ma jagħti l-ebda setgħa la speċjali u lanqas ġenerali lill-konvenut li jimponi

kondizzjonijiet meta t-taxxa relattiva għall-proprjetà ġejja bi trasferiment taxxabbli tkun ġiet imħallsa;

Illi b'deċiżjoni tat-30 ta' Mejju, 1979, il-Bord tal-Kummissarji Speċjali għat-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni kien annulla l-likwidazzjoni tat-taxxa maħruġa mill-konvenut appellanti fuq l-attriċi appellata fis-7 ta' Frar, 1977. B'hekk jiġi *li l-istess konvenut appellanti ma kellux dritt jimponi* l-kondizzjoni li titħallas is-somma ta' Lm630 billi t-taxxa relattiva kienet ġâ mħallsa u kwindi meta l-konvenut impona dik il-kondizzjoni huwa kien qed jaġixxi "*ultra vires*" is-setgħat tiegħu. Il-*proviso* ta' l-artikolu 41(2) ta' l-Att XLVII/73 jintitola lill-konvenut li jimponi kondizzjonijiet biss f'każ li t-taxxa ma tkunx ġiet imħallsa. F'dan il-każ indubbjament dan ir-rekwiżit b'ebda mod ma kien preżenti;

Illi l-aggravju l-ieħor tal-konvenut appellanti jikkonsisti fil-fatt li l-artikolu 1090(1) illum 1047(1) jippostula fl-ewwel lok ħsara. F'dan il-każ it-talba attriċi hija insostenibbli fil-konfront tiegħu billi kull ma għamel kien li jeżerċita dritt li tagħtih il-liġi stess. L-appellanti ssottometta li l-attriċi appellata qed tibbaża t-talba tagħha fuq il-kawżali li s-somma ta' Lm630 kienet ġiet "indebitament ritenuta" minnu u li kienet ġiet "meħuda llegalment u arbitrarjament" u ċjoè mingħajr ebda *jedd. Skond* il-fehma tiegħu dan jinkwadra ruħu taħt l-artikolu 1066 illum 1023 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jiddisponi li "Dak li mingħajr jedd ikun irċeva l-ħlas tas-somma ta' flus għandu jekk ikun għamlu b'*mala fede* jrodd sew il-kapital kemm ukoll l-imgħaxijiet minn dak in-nhar tal-ħlas. Fis-Subinċiż (2) iżid jgħid li "Iżda jekk ikun għamlu b'*buona fede,* mhux obbligat irodd ħlief il-kapital biss". Għalhekk il-konvenut appellant jissottometti anke jekk għall-grazzja ta' l-argument huwa ma kellux jedd jew

aġixxa *"ultra vires"* l-ammont ta' Lm76.50, pretiż mill-attriċi appellata mhux dovut billi m'hemmx l-element tal-*"mala fede"*;

Illi b'nota tagħha ppreżentata fil-15 ta' Mejju, 1980 (fol. 24) l-attriċi ddikjarat u nsistiet li l-azzjoni tagħha hija bbażata fuq l-artikolu 1090(1) illum 1047(1) tal-Kodiċi Ċivili u subordinatament u bla preġudizzju biss fuq disposizzjonijiet oħra tal-Kodiċi Ċivili. L-artikolu 1074 illum 1031 jgħid li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu" u l-artikolu 1075 illum 1032 imbagħad ikompli jgħid li "Jitqies fi ħtija kull min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja". L-artikolu 1047(1) invokat mill-appellata jikkontempla ħsara ta' telf ta' użu ta' flus. Il-konvenut appellant ma kellux dritt juża d-diskrezzjoni msemmija fl-artikolu 41(2) ta' l-Att XLVII/73 u jimponi fuq l-attriċi l-kondizzjoni tal-ħlas tas-somma ta' Lm630. L-attriċi taħt iċ-ċirkostanzi kellha tiddepożita l-istess somma fl-uffiċċju tal-konvenut appellant. Jirriżulta li kien hemm ħtija da parti tal-konvenut f'dan ir-rigward għaliex id-dritt tiegħu għall-ħlas ta' taxxa addizzjonali kien preskritt u kwindi ma setax jippretendi li t-taxxa *"de quo"* ma kinitx ġiet imħallsa u dan konformement ma' dak li ntqal aktar 'il fuq. L-ewwel Qorti bir-raġun qalet li din is-somma tant ma kellhiex tiġi mħallsa illi wara d-deċiżjoni ta' l-imsemmi Bord kellha tiġi rifuża lill-attriċi appellata. L-istess appellata minħabba l-aġir tal-konvenut appellant sofriet ħsara konsistenti fit-telf ta' l-użu ta' l-istess flus u l-artikolu 1047(1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi għal kif min għamel il-ħsara għandu jagħmel tajjeb għall-istess u dan billi jħallas l-imgħax stabbilit bl-istess liġi;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u tikkonferma s-sentenza appellata ta' l-1 ta' Novembru, 1984;

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu sopportati mill-konvenut appellant.